# ID-DAWL
# U
# R-RESPONSABBILTÀ
# TAL-KRISTJANN

Minn
George Ebejer

# ID-DAWL U R-RESPONSABBILTÀ TAL-KRISTJAN

**Imħallfin 5:31,**

"*Hekk, ħalli l-egħdewwa tiegħek koll-ha jinqerdu, O Mulej: imma dawk koll-ha li jħobbuh ħa jkunu bħax-xemx x'ħin toħroġ fil-qawwa tagħha…*"

**Isaija 60:3,**

"*Qum, iddi; id-dlam ġie, u l-glorja tal-Mulej iddiet fuqek: iżda l-Mulej jiddi fuqek, u l-glorja tiegħu tidher fuqek. U l-Ġentili jiġu fid-dawl tiegħek, u s-slaten fid-dija tat-tlugħ tiegħek.*"

**Mattew 14:37,**

"*Għax hekk ordnalna l-Mulej 'Jien għamiltek dawl tal-ġnus, biex twassal is-salvazzjoni sa truf l-art.*"

**Mattew 5:14-16,**

"*Intom id-dawl tad-dinja. Belt li tkun qiegħda fuq muntanja ma tistax tin-ħeba. Anqas ma jixegħlu l-musbieħ u jqegħduh taħt il-modd, iżda fuq l-im-nara, u hekk idawwal lil kull min ikun fid-dar. Hekk għandu jiddi d-dawl ta-għkom quddiem il-bnedmin, biex jaraw l-egħmejjel tajba tagħkom u jagħtu glo-rja lil Missierkom li hu fis-smewwiet.*"

**Mattew 6:22-23,**

*"Il-musbieħ tal-ġisem hija l-għajn. Jekk mela għajnek hija safja, ġismek kollu jkun imdawwal. Iżda jekk għajnek hi marida, ġismek kollu jkun mudlam. Mela jekk id-dawl li hemm huwa dlam, kemm iktar id-dlam!"*

**Efesin 5:8-14,**

*"Intom kontru darba dlam, imma issa intom dawl fil-Mulej; għixu ta' wlied id-dawl li intom; frott id-dawl jinsab f'kull ma hu tjieba, f'kull ma hu ġustiz-zja, f'kull ma hu veru. Fittxu li tagħm-lu dak li jogħġob lill-Mulej, u tis-seħbux fl-egħmejjel tad-dlam bla frott imma ikxfuhom fil-beraħ. Għax dak li qegħdin jagħmlu huma fil-moħbi, tistħi mqar jekk issemmih; imma meta wieħ-ed joħroġhom fil-beraħ, id-dawl jikxef kollox. Għax kull ma jinkixef, id-dawl jurih x'inhu; għalhekk tgħid l-iskrittu-ra: 'Stenbaħ int, li int rieqed, u qum mill-imwiet, ħa* ***jiddi*** *fuqek Kristu."*

**Filippin 2:15-15,**

*"Ħalli tkunu nies bla għajb, u safja, ulied Alla bla tebgħa f'nofs bnedmin ta' ħajja mgħawġa u mħassra; fosthom intom għandkom* ***tiddu*** *fid-dinja għal*

*kwiekeb u dawlulhom il-Kelma tal-Ħajja…*"

**1 Tessalonikin 5:5-11,**

"*Intom ilkoll ulied id-dawl u wlied il-jum; aħna m'aħniex ulied il-lejl, anqas ulied id-dlam. Għalhekk ma għandniex norqdu bħal l-oħrajn, iżda nishru u ngħixu bil-qies. Għax min jorqod, jorqod bil-lejl; u min jisker, jisker bil-lejl. Ladarba aħna wlied il-jum, ejjew ngħixu bil-qies, nilbsu l-kurazza tal-fidi u l-imħabba, u l-elmu tat-tama tas-salvazzjoni. Għax Alla ma għażilniex għall-għadab, imma biex niksbu s-salv-azzjoni permezz ta' Sidna Ġesù Kristu, li miet għalina, sabiex sew jekk inkunu nishru u sew jekk inkunu rieqda meta jiġi, ngħixu ħaġa waħda miegħu. Għal-hekk farrġu lil xulxin u ibnu lil xulxin, kif qegħdin tgħamlu.*"

## Kristu d-Dawl tad-dinja

**Isaija 9:2,**

"*Il-poplu li kien miexi fid-dlam ra dawl kbir; dawk li kienu jgħammru fl-art tad-dell tal-mewt, idda fuqhom id-dawl.*"

Profezija:

**Isaija 42:6,**

*"Jien, il-Mulej, sejjaħtlek skond il-ħaqq, naqbdek ukoll minn idek, u nħar-sek, u nagħmlek bħala rabta mal-poplu, u bħala* ***dawl*** *tal-Ġentili."*

Twettiq:

**Mattew 4:14-16,**

*"Biex hekk iseħħ dak li kien ingħad permezz tal-profeta Isaija, meta qal,… 'Il-poplu li kien qiegħed fid-dlam ra dawl kbir; dawk li kienu f'art u dell il-mewt idda dawl għalihom'."*

**Luqa 1:77-79,** -- Il-profezija ta' Żakkarija, missier Ġwanni:

*"…U tgħarraf lill-poplu tiegħu bis-sal-vazzjoni permezz tal-maħfra ta' dnub-iethom mogħtija mill-qalb ħanina ta' Alla tagħna, li mill-għoli jiġi jżurna bħax-xemx tielgħa, u jagħti d-dawl lil min jinsab fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt, u jmexxi l-passi tagħna fit-triq tas-sliem."*

**Ġwanni 1:4-9,**

*"Kellu l-ħajja fih u l-ħajja kienet id-dawl tal-bnedmin. Id-dawl jiddi fid-dlam, imma d-dlam ma għelbux. Kien hemm raġel mibgħut minn Alla, jismu Ġwanni. Dan ġie bħala xhud, biex jix-hed għad-dawl, biex bih kulħadd jem-*

*men. Ġwanni ma kienx id-dawl, imma ġie biex jixhed għad-dawl, dak id-dawl veru, li jdawwal kull bniedem, huwa u ġej fid-dinja.*"

**Ġwanni 8:12,**

"*Mill-ġdid Ġesù qabad ikellimhom u jgħidilhom: 'Jiena d-dawl tad-dinja. Min jiġi warajja ma jimxix fid-dlam iżda jkollu d-dawl tal-ħajja.*"

**Ġwanni 12:35-36,**

"*Qalilhom Ġesù: 'Ftit ieħor baqagħlu magħkom id-dawl, Mela ibqgħu miexja sakemm għandkom id-dawl, biex id-dlam ma jilħaqkomx. Min jimxi fid-dlam ma jafx fejn hu sejjer. Sakemm għandkom id-dawl, emmnu fid-dawl, biex tkunu wlied id-dawl.*"

**Ġwanni 12:46-48,**

"*Jiena huwa d-dawl li ġejt fid-dinja biex kull min jemmen fija ma jibqax fid-dlam. Min jisma' kliemi u ma jħarsux, jiena ma nagħmilx ħaqq minnu, għax jien ma ġejtx biex nagħmel ħaqq mid-dinja, iżda biex insalva d-dinja. Min imaqdar lili u ma jilqax kliemi, hemm min jagħmel ħaqq minnu: il-kelma li jiena għedt, tkun hi li tagħmel ħaqq minnu fl-aħħar jum.*"

**2 Korintin 4:6,**

“*Dak Alla li qal: ‘Ħa jiddi d-dawl mid-dlam’, dak hu li idda fi qlubna biex jagħtina d-dawl ta’ l-għarfien tal-glorja ta’ Alla, li tiddi f’wiċċ Kristu.*”

**1 Ġwanni 2:8-9,**

“*B’danakollu kmandament ġdid qiegħed niktbilkom: għax seħħ tassew fi Kristu u fikom, għax id-dlam għadda u d-dawl tassew ġa qiegħed jiddi. Min igħid li qiegħed fid-dawl, u jobgħod ’il ħuh, jinsab fid-dlam, jimxi fid-dlam, u ma jafx fejn hu sejjer, għax id-dlam għamielu għajnejh.*”

**Rivelazzjoni 21:23,**

“*U l-belt ma taħtieġ la xemx u lanqas qamar biex idawluha, għax biex iddaw-walha għandha l-glorj ta’ Alla, u l-musbieħ tagħha l-Ħaruf.*”

**Rivelazzjoni 22:5,**

“*Lejl ma jkunx hemm iżjed, u ma jkunx jaħtieġ dawl ta’ musbieħ u dawl tax-xemx, għax il-Mulej Alla jkun jiddi fuqhom,….*”

“*Il-grazzja ta’ Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta’ Alla u l-għaqda ta’ l-Ispirtu s-Santu jkunu magħkom ilkoll*” (2 Korintin 13:13-14).

Għal aktar informazzjoni ikkuntattja:

Knisja Ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats
Ġużè Debono Square,
Msida MSD 10

e-mail: info@churchofchristmalta.com

jew: www.churchofchristmalta.com